

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 167/2011

tal-21 ta' Frar 2011

li jtemm ir-reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċertu tereflatat tal-politilene li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) Il-miżuri li hemm fis-seħħ huma dazju definittiv antidumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 192/2007 ⁽²⁾ fuq importazzjonijiet ta' tereflatat tal-politilene li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Korea. Għall-kumpaniji b'rati ta' dazju individwali, id-dazju fis-seħħ huwa żero. Id-dazju reżidwu huwa ta' EUR 148,3 kull tunnellata.

2. Talba għal reviżjoni

(2) Tressqet talba għal reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku mill-Kumitat tal-Plastiki Tereflatat tal-Politilene Ewropew ("ir-rikorrent"), li jirrappreżenta seba' produttori tal-Unjoni.

(3) It-talba kienet limitata fl-ambitu tagħha għall-stħarriġ dwar id-dumping li kien jikkonċerna biss il-produttur esportatur KP Chemical Group, magħmul minn Honam Petrochemicals Corp. u KP Chemical Corp., ("KP Chemical Group"), u ċerti aspetti ta' ħsara.

(4) Ir-rikorrent ipprova evidenza prima facie li turi li, safejn għandu x'jaqşam il-KP Chemical Group, it-tkomplija tal-impożizzjoni tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħsara attwali tad-dumping.

3. Ftuħ ta' reviżjoni *interim* parzjali

(5) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' reviżjoni *interim* parzjali, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, it-tnedija ta' reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata għall-eżami tad-dumping sa fejn jikkonċerna lill-KP Chemical Group.

4. Prodott ikkonċernat u l-prodott simili

(6) Il-prodott rivedut huwa t-terftalat tal-politilene bin-numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew aktar, skont l-Istandard ISO 1628-5, ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 3907 60 20 u li joriġina fil-Korea t'Isfel ("il-prodott ikkonċernat").

(7) Il-prodott ikkonċernat, li huwa prodott u mibjugħ fis-suq domestiku Korean u dak esportat lejn l-Unjoni, għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi u għalhekk meqjus li hu simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 59, 27.2.2007 p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 47, 25.2.2010, p. 24.

5. Partijiet ikkonċernati

- (8) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-produttur esportatur, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, lill-produtturi tal-Unjoni u lir-rikorrent bil-bidu tar-reviżjoni *interim* parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż tal-inizjazzjoni. Il-partijiet kollha interessati li talbu smiġh u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu, ingħataw possibbiltà ta' smiġh.
- (9) Il-Kummissjoni baġtet il-kwestjonarji lill-produttur esportatur u lill-industrija tal-Unjoni u rċeviet it-tweġibiet qabel l-iskadenza stabbilita għal dak il-għan. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li hi meħtieġa. Il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' verifika fil-proprjetà tal-KP Chemical Corp., fil-Korea t'Isfel; ta' Honam Petrochemicals Corp, fil-Korea t'Isfel; ta' Novapet SA, fi Spanja; ta' Equipolymers Srl, fl-Italja; ta' UAB Orion Global PET (Indorama), fil-Litwanja; ta' UAB Indorama Polymers Europe, fil-Litwanja; ta' UAB Neo Group, fil-Litwanja; ta' La Seda de Barcelona, S.A., fi Spanja u ta' M&G Polimeri Italia SpA, fl-Italja.

6. Perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni

- (10) L-investigazzjoni tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 ("il-perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni").

B. RIŻULTATI TAL-INVESIGAZZJONI

Valur normali

- (11) Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet jekk il-bejgħ domestiku totali tal-prodott ikkonċernat magħmul minn KP Chemical Group kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-esportazzjoni totali tiegħu lejn l-Unjoni. Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-bejgħ domestiku hu kkunsidrat li jkun rappreżentattiv meta l-volum totali tal-bejgħ domestiku ikun mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li l-prodott ikkonċernat, li kien ikkunsidrat bħala prodott omoġenju u mhux maqsum f'tipi differenti ta' prodotti, kien qed jinbiegħ fis-suq domestiku minn KP Chemical Group f'volumi ġeneralment rappreżentattivi.
- (12) Sar ukoll eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat fi kwantitajiet rappreżentattivi setax jitqies li sar waqt il-proċess normali tal-kummerċ, billi jkun stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi qligħ lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku. Minħabba li nstab li kien sar biżżejjed bejgħ waqt il-proċess kummerċjali normali, il-

valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku attwali tal-bejgħ bi qligħ.

Prezz tal-esportazzjoni

- (13) Billi l-prodott ikkonċernat ġie esportat direttament lil klijent indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezz tal-esportazzjoni effettivament imħallas jew dovut.

Paragun

- (14) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (15) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fejn deheru raġonevoli, preċiżi u sostnuti b'evidenza, ingħataw konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, tal-ġarr u tal-assigurazzjoni, għall-ispejjeż bankarji u għall-ispejjeż tal-imballaġġ u tal-kreditu.

Il-marġni tad-dumping

- (16) Skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping ġie stabbilit abbażi tal-paragun tal-valur medju normali skont il-piż differenzjat mal-prezz medju differenzjat tal-esportazzjoni, kif imsemmi iktar 'il fuq.
- (17) Il-marġni tad-dumping li jriżulta huwa inqas minn 2 %, imfisser bħala perċentwali tal-prezz nett ħieles fil-fruntieri tal-Unjoni, mingħajr dazju mħallas, u għaldaqstant għandu jitqies bħala l-minimu konformi mal-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

C. NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI

- (18) Bħar-reviżjoni *interim* ta' qabilha, li r-riżultat tagħha kien ir-Regolament (KE) Nru 192/2007, din ir-reviżjoni *interim* uriet marġni ta' dumping flivell minimu għall-KP Chemical Group.
- (19) Ma kien hemm ebda indikazzjoni li dan il-marġni minimu ma kienx se jibqa' kif inhu għal tul ta' żmien, billi il-KP Chemical Group instab li jopera b'rata għolja ħafna tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità (kważi 100 %). Barra minn hekk, il-KP Chemical Group ma għandux pjanijiet li jżid il-kapaċità tal-produzzjoni fil-Korea t'Isfel. Tabilħaqq, il-KP Chemical Group akkwista pjanta ta' produzzjoni fl-Unjoni u iżjed probabbli li jnaqqas l-esportazzjoni mill-Korea t'Isfel.

- (20) Għalhekk iċ-ċirkostanzi li taħtom ġie kkalkulat il-marġni tad-dumping f'dan l-istħarriġ jistgħu jitqiesu li se jibqgħu fit-tul.

D. TMIEM IR-REVIŻJONI

- (21) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, ir-reviżjoni attwali għandha tintemm mingħajr ma jiġi emendat il-livell ta' dazju applikabbli għall-KP Chemical Group. F'din is-sitwazzjoni, l-aspetti ta' ħsara ma hemmx għalfejn jiġu indirizzati.

E. ŻVELAR

- (22) Il-partijiet interessati tgħarrfu bil-fatti essenzjali u bil-konsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien maħsub li tkun mitmuma r-reviżjoni *interim* attwali. Il-partijiet kollha ngħataw l-opportunità li jikkumentaw. Il-kummenti waslu għand l-industrija tal-Unjoni li, madankollu, ma kinux tali li jwasslu għal tibdil fil-konklużjonijiet ta' hawn fuq.

F. DISPOŻIZZJONI FINALI

- (23) Din ir-reviżjoni għandha għalhekk tintemm mingħajr ebda emenda għar-Regolament (KE) Nru 192/2007,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċertu tereflatat tal-politilene li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Korea, hija b'dan mitmuma mingħajr emendi għall-miżuri fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

MARTONYI J.